MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 50/2011

**Patri Josef Sciberras, prokuratur tal-Komunita' Agostinjana, tal-Kunvent San Mark, Rabat, Malta**

**vs**

**Raymond Galea**
**Mary Galea**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur:

1. Illi l-Komunita' Agostinjana tar-Rabat, Malta, tikri lill-intimati l-fond bin-numru hamsa (5), Hospital Street, Rabat, Malta, bil-kera ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) fis-sena li tithallas kull sitt xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fl-1 ta' Jannar, 2012.

2. Illi l-intimati kisru il-kondizzjonijiet tal-kera u qeghdin juzaw il-fond xorta ohra milli ghall-iskop li kien mikri u dan peress illi l-imsemmi fond ma ghadux iservi bhala r-residenza ta' l-intimati.

3. Illi l-intimati kisru l-kondizzjonijiet tal-kera billi hallew il-fond fi stat hazin hafna u ta' deterjorazzjoni.

4. Illi s-suespost jintitola lir-rikorrenti li jirriprendi l-pussess tal-fond inkwistjoni.

5. Illi safejn jaf ir-rikorrenti, l-intimati ma ghandhomx difiza x'jaghtu kontra t-talba tar-rikorrent.

RAGUNI GHAT-TALBA

1. Peress illi l-komunita' Agostinjana tar-Rabat, Malta, tikri lill-intimati l-fond bin-numru hamsa (5), Hospital Street, Rabat, Malta, bil-kera ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) fis-sena li tithallas kull sitt xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fl-1 ta' Jannar, 2012.

2. Peress illi l-intimati kisru l-kundizzjonijiet tal-lokazzjoni billi l-fond qieghed jintuza ghal xorta ohra mill-iskop li kien mikri ghalih u dan ghal diversi snin.

3. Peress illi l-intimati kisru l-kundizzjonijiet tal-lokazzjoni billi l-fond thalla fi stat hazin hafna u ta' deterjorazzjoni.

4. Peress illi dan l-agir tal-intimati jintitola lir-rikorrent li jirriprendi l-pussess tal-fond inkwistjoni.

TALBIET

Illi jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m'ghandux dan l-Onorabbli Bord;

1. Jiddeciedi u jilqa' t-talba tar-rikorrenti minghajr ma jghaddi ghas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola u Tigdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69)

in vista ta’ l-hawn fuq dikjarazzjoni guramentata u ta’ l-anness affidavit Dok A.

2. Jawtorizza lir-rikorrent sabiex jirriprendi l-pussess tal-fond fuq imsemmi billi jikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jizgombraw mill-fond numru hamsa (5), Hospital Street, Rabat, Malta.

Semgha l-ammissjoni tal-intimat kif registrata fis-seduta tat-30 ta’ Mejju 2011;

Ra l-atti tar-rikros;

Ikkonsidra:

Illi wara li ezamina  r-rikors guramentat u semgha l-ammissjoni tal-intimati;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrenti kif ravvizati fir-rikors promutorju u jawtorizzah jirriprendu l-fond numru hamsa (5) Hospital Street, Rabat, Malta, wara l-15 t’Awissu 2011, zmien maqbul bejn il-partijiet;

L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------